# IL-MADONNA TAL-KARMNU

## *Id-devozzjoni u l-Knisja tagħha fil-Parroċċa tal-Balluta*

Kitba ta' **Joe Chetcuti**

### Il-Knisja l-antika u l-istatwa

Fil-ktieb 'Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo' li ppubblika l-Kanonku Achille Ferris fl-1888 jgħidilna dan dwar l-ewwel Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta: 'Din il-Knisja hi guspatronat tal-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt'. Tinsab fuq il-moll ta' San Ġiljan fl-inħawi magħrufin bħala 'tal-Ballut'.

L-ewwel ġebla tagħha ġiet imqiegħda solennement fil-21 ta' Novembru 1858 minn Monsinjur Vigarju Ġenerali, il-Kan. Dr. F. Amato, li kien għamel diskors xieraq għall-okkażjoni li ttellgħet fuq stil Longobard a spejjeż ta' l-imsemmi Fratellanza fuq disinn tas-Sur Gius Bonavia.

Il-bini ntemm fi żmien għaxar xhur, u fit-18 ta' Settembru 1859, il-Knisja ġiet imbierka solennement minn Mons. Gaetano Pace Forno (Isqof ta' Malta), li dik il-ġurnata qaddes fiha. Ġewwa niċċa fuq l-altar tagħha tidher xbieha tal-Vergni Mqaddsa tal-Karmnu.

Billi l-istatwa tal-Karmnu li kienet toħroġ fil-festa tal-Belt ġiet mibdula ma' statwa ġdida, l-istatwa l-antika ġiet meħuda l-Balluta u għall-ewwel tqiegħdet f'niċċa fuq l-artal. Din hi l-istess statwa li għadha toħroġ iddur mat-toroq tal-Balluta kull sena fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, li tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd wara s-16 ta' Lulju ta' kull sena.

Hija xogħol fl-injam li sar fl-1780 minn Gennaro Reale f'Napli. Waslet f'Malta f'Settembru 1780 u nżebgħet minn Antonio Grech. Il-pedestall tagħha huwa wkoll dak tal-Belt. Illum saritilha niċċa ġdida fil-Knisja li tiġbed bosta devoti tal-Madonna.



*L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta*

### Il-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani, il-Knisja l-ġdida u l-Parroċċa

Fl-1 ta' Frar 1890, il-Konfraternita' li tat il-Knisja li kienet bniet lill-Patrijiet Karmelitani biex jieħdu ħsiebha, tathom ukoll biċċa art wara l-Knisja biex jibnu Kunvent magħha għalihom. Malli akkwistaw l-art, il-Patrijiet minnufih bdew jibnu l-Kunvent fuq pjanta tal-Perit L. Galizia. L-ispiża ħallsuha l-Kunventi tal-Karmnu ta' l-Imdina u tal-Belt. Il-Kunvent tal-Balluta ġie inawgurat mir-Rev. Patri Ġeneral ta' l-ordni, P. Luigi Galli fit-22 ta' Mejju 1892. L-ewwel Pirjol kien P. Anġlu Mallia O. Carm. Fit-30 ta' l-istess xahar, l-istudenti Karmelitani li kienu qegħdin fil-Kunvent tal-Belt ġew meħudin f'dan il-Kunvent il-ġdid bis-surmast tagħhom ikun il-Majjistru P. Franġisk Raiti, li wara sar Isqof ta' Trapani.

Fis-sena 1900, il-Knisja ġiet imkabbra, saritilha faċċata ġdida u sar il-kor. Wara l-aħħar gwerra dinjija, il-Balluta flimkien ma' San Ġiljan ma baqgħux biss post tal-villeġġjatura imma saru post residenzjali, il-Knisja reġgħet saret żgħira wisq. Min-naħa l-oħra tas-saqaf kien difettuż u kien jidħol ħafna ilma. Għaldaqstant, il-Patrijiet iddeċidew li jibnu Knisja ġdida, ikbar u kemm jista' jkun taqbel ma' ta' qabilha. Warra li akkwistaw il-mezzanini li kienu jmissu mall-Knisja, nhar il-Ħadd 3 ta' Awissu 1958 saret il-funzjoni tat-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja tal-Karmnu li naraw illum. Id-disinn tal-bini tal-Knisja l-ġdida sar mill-Perit Prof. Joseph Colombo waqt li x-xogħol kien f'idejn l-imgħallem Ġużeppi Micallef. Fis-snin 1961-62 ix-xogħol li kien mexa biss fuq il-ġenb tan-

naħa tal-lemin waqaf minħabba li beda jinħass il-bżonn ta' tibdiliet konsiderevoli. Id-disinn tal-Prof. Colombo kien aktar imsejjes fuq dak ta' Bażilika Rumana milli fuq l-istil tal-Knisja l-qadima.

Billi fl-intervall il-Prof. Colombo kien marad serjament, fl-1963 il-Perit Jos. M. Spiteri kien ġie rikmandat biex jagħmel disinn arkitettoniku rivedud b'tibdiliet radikali minn dak orjentali. Minħabba li l-Perit Spiteri kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu kien mexxieh b'xi pariri l-Perit Borg Cardona, li mqar sakemm miet baqa' jagħti pariri siewja. It-tibdil sar l-iżjed biex il-Knisja jkollha kemm jista' jkun mill-ispirtu tal-qadima li kienet ferm għal qalb il-poplu u d-disinn il-ġdid ikun iżjed fidil għall-karatteristiċi Gotiċi prinċipali. B'hekk saru tibdiliet fil-qisien maġġuri kollha, twalet in-navata b'Kor kompletament imfassal mill-ġdid, saru faċċati ġodda kemm min-naħa ta' ġewwa kif ukoll minn barra. Ix-xogħol ta' l-istruttura sar iżjed diffiċli u għamlu kollu l-Perit Godfrey Azzopardi, Kap tad-Dipartiment tal-Inġinerija fil-Polytechnic. Hu ddisinja s-saqaf tal-konkrit li hu biċċa xogħol mill-isbaħ u ta' kapaċità kbira. Fil-fatt din il-Knisja għandha waħda min-navati l-aktar wiesgħa ta' 13-il metru. Il-kuntrattur għall-ewwel kien Carm. Bezzina, iżda mill-1963 'il quddiem għadda f'idejn Carm. Micallef, li jiġi hu l-ewwel kuntrattur Ġużeppi Micallef. Ix-xogħol mill-1963 sa ma spiċċa fl-1978 baqa' f'idejn iż-żewġ Periti Azzopardi u Spiteri fuq id-disinn rivedut li sar fl-1963.

Ix-xogħol minn ġewwa tlesta madwar il-Knisja l-qadima f'April 1975 u l-faċċata telgħet bejn l-1976 u l-1978. Wieħed ma jridx jinsa l-ħidma kbira li wettqu l-Pirjoli ta' dawk is-snin flimkien mal-Kommunità tal-Balluta. Il-Knisja ħadet b'kollox 20 sena biex tlestiet mill-istruttura. Il-Knisja mbagħad ġiet mogħnija b'ħafna opri sbieħ li saru fiha, bħal pittura, xogħolijiet fl-irħam, sett mill-isbaħ tal-Via Sagra u oħrajn. In-nies riditha din il-Knisja u għalhekk għenet ħafna. Hija ffrekwentata ħafna kemm min-nies tal-post kif ukoll mill-bosta barranin li jżuru Malta, l-aktar fix-xhur tas-sajf. Fis-16 ta' Ġunju 1974, l-Arċisqof Mikiel Gonzi ddikjara l-Knisja bħala Parroċċa, bl-ewwel Kappillan tagħha P. Damjan Cachia O. Carm. Għaxar snin wara, il-Knisja ġiet konsagrata minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Matul ż-żmien inbena Ċentru Parrokkjali spazjuż fejn isiru ħafna laqgħat tal-Parroċċa. Inbdew ukoll ħafna Għaqdiet Reliġjużi, Soċjali u Kulturali li għad-dell tal-Madonna tal-Karmnu jagħmlu ħafna ġid. Il-Parroċċa għandha wkoll il-fuljett 'Il-Karmnu tal-Balluta' jew kif inhu magħruf aħjar 'Leħen il-Parroċċa tal-Balluta'.

**RIFERENZI:**

Storja fil-qosor tal-bini tal-Knisja tal-Balluta IN...TAGĦNA, 20 ta' Diċembru 1984. p.11

P. Serafin Abela O.Carm., fi 'Fjur tal-Karmnu', Harga 6, April 1986

Nimrod Coaches

*Joe Saliba (Żużu tal-Private)*

Għall-kiri ta' coaches ċemplu:

Home/Fax: (356) 640098 Garage: 689683

Mobile: 097 6886

24 Hour Service